2025/1933

23.9.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1933

tat-22 ta' Settembru 2025

li jimplimenta l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 377/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea-Bissau

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 377/2012 tat-3 ta' Mejju 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea-Bissau ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-3 ta' Mejju 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 377/2012.

(2) Skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) Nru 377/2012, il-Kunsill irrieżamina l-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea-Bissau u jqis li jenħtieġ li sitt persuni jitneħħew mil-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi, kif stipulat fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 377/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 377/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

J. JENSEN

([1]) ĠU L 119, 4.5.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/377/oj.

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 377/2012 (“Lista ta’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li ssir referenza għalihom fl-Artikoli 2(1) u 2(2)”), jitħassru l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin:

1. António INJAI

2. Mamadu TURE

3. Estêvão NA MENA

4. Ibraima CAMARÁ

5. Daba NAUALNA

12. Júlio NHATE.